| KUNSILL<br>TAL-UNJONI EWROPEA | Brussell, 6 ta' Diċembru 2010 (10.12)<br>(OR. en) |
|---|---|
| | 17503/10 |
| Fajl Interistituzzjonali:<br>2010/0215 (COD) | |
| | DROIPEN 147<br>COPEN 280<br>CODEC 1465 |

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| ta': | Kunsill (ĠAI) - 3 ta' Diċembru 2010 |
| Inizjattiva Nru: | 12564/10 DROIPEN 83 COPEN 162 CODEC 727 + ADD 1 + ADD 2 |
| Nru dok. preċ.: | 16858/1/10 REV 1 DROIPEN 137 COPEN 265 CODEC 1368 |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċedimenti kriminali:<br>- Approċċ ġenerali |

Fit-3 ta' Diċembru 2010 l-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) eżamina l-abbozz ta' test tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċedimenti kriminali.

Il-Presidenza ppreżentat ir-riżultat tad-diskussjonijiet preliminari fil-korpi preparatorji tal-Kunsill fid-dokument 16858/1/10 REV 1 DROIPEN 137 COPEN 265 CODEC 1368. Hija talbet lill-Ministri jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar it-test.

Wara d-diskussjoni, il-Presidenza kkonkludiet li hemm appoġġ wiesa' fost il-Ministri għat-test tal-istrument kif stabbilit fl-Anness u li, abbażi ta' dak it-test, in-negozjati mal-Parlament Ewropew jistgħu jinbdew bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar id-Direttiva proposta.

**ANNESS**

2010/0215 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA…/…/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċedimenti kriminali**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Waqt li jaġixxu b'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1)[3] L-Unjoni Ewropea għandha l-għan li żżomm u tiżviluppa spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere tal-15 u 16 ta' Ottubru 1999, u b'mod partikolari l-punt 33 tiegħu, il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għandu jsir il-ġebla tax-xewka tal-koperazzjoni ġudizzjarja kemm fi kwistjonijiet ċivili kif ukoll kriminali fi ħdan l-unjoni, peress li rikonoxximent reċiproku msaħħaħ ta' deċiżjonijiet u sentenzi ġudizzjarji u l-approssimazzjoni meħtieġa tal-leġislaazzjoni għandha tiffaċilita l-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet individwali.

---

1 ĠU C, , p. ..

2 ĠU C, , p. ..

3 Għall-Premessi li jikkorrispondu ma' dawk tad-Direttiva 2010/64/UE dwar id-dritt għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni fi proċedimenti kriminali, it-test tal-istrument attwali ser ikun allinjat ma' dak tad-Direttiva 2010/64/UE fl-istadju tar-reviżjoni mill-Ġuristi-Lingwisti. Il-bidliet għandhom isiru biss fejn dawn jirriflettu s-suġġett speċifiku tad-Direttiva attwali.

(2) Fid-29 ta' Novembru 2000, f'konformità mal-Konklużjonijiet ta' Tampere, il-Kunsill adotta programm ta' miżuri għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet f'materji kriminali[4]. L-introduzzjoni għall-programm ta' miżuri tiddikjara li r-rikonoxximent reċiproku huwa "maħsub biex isaħħaħ il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri iżda wkoll biex itejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet individwali".

(3) L-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet kriminali tippresupponi li l-Istati Membri għandhom fiduċja fis-sistemi ta' ġustizzja kriminali ta' xulxin. L-ambitu tal-eżerċizzju tar-rikonoxximent reċiproku jiddipendi ħafna fuq numru ta' parametri, li jinkludu mekkaniżmi għas-salvagwardja tad-drittijiet ta' persuni suspettati jew akkużati u standards minimi komuni meħtieġa biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku.

(4) Ir-rikonoxximent reċiproku jista' jaħdem b'mod effettiv biss fi spirtu ta' fiduċja, fejn mhux biss l-awtoritajiet ġudizzjarji, iżda l-atturi kollha fil-proċess kriminali jqisu d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stati Membri oħra bħala ekwivalenti għal tagħhom, li jimplika "mhux biss fiduċja fl-adegwatezza tar-regoli tas-sieħeb, iżda wkoll fiduċja li dawk ir-regoli huma applikati korrettament.

(5) Fl-Artikolu 47 tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (KEDB) hemm minqux id-dritt għal proċess ġust. L-Artikolu 48 tal-Karta jiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tad-difiża.

(6) Fl-Artikolu 6 tal-Karta u fl-Artikolu 5 għall-KEDB hemm minquxa d-drittijiet għal- libertà u s-sigurtà, li l-limitazzjonijiet għalihom ma jistgħux jaqbżu lil dawk permessi mill-KEDB fid-diċitura tal-Artikolu 5 tagħha u inferita fil-każisitka tal-Qorti Ewropea

(7) Minkejja li l-Istati Membri kollha huma partijiet fil-KEDB, l-esperjenza wriet li dan waħdu mhux dejjem jipprovdi livell biżżejjed ta' fiduċja fis-sistemi tal-ġustizzja kriminali tal-Istati Membri l-oħra.

---

4 ĠU C 12, 15.1.2001, p. 10.

(8) It-tisħiħ ta' fiduċja reċiproka jeħtieġ regoli dettaljati dwar il-protezzjoi tad-drittijiet u garanziji proċedurali li joħorġu mill-Karta u l-KEDB.

(9) L-Artikolu 82(2) tat-Trattat jipprovdi biex jiġu stabbiliti r-regoli minimi applikabbli fl-Istati Membri biex jiffaċilitaw ir-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji u l-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali li għandhom dimensjoni transkonfinali. Il-punt (b) tal-Artikolu 82(2) jirriferi għad-"drittijiet tal-individwi fil-proċedura kriminali" bħala wieħed mill-oqsma li fihom jistgħu jiġu stabbiliti regoli minimi.

(10) L-istandards minimi komuni għandhom iwasslu għal żieda fil-fiduċja fis-sistemi tal-ġustizzja kriminali tal-Istati Membri kollha li bħala riżultat għandha twassal għal kooperazzjoni ġudizzjarja aktar effiċjenti fi klima ta' fiduċja reċiproka. Tali regoli minimi komuni għandhom japplikaw għal informazzjoni fi proċedimenti kriminali.

(11) Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill adotta Pjan Direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali ("il-Pjan Direzzjonali")[5]. Permezz ta' approċċ pass b'pass, il-Pjan Direzzjonali jappella għall-adozzjoni ta' miżuri rigward id-dritt għal traduzzjoni u interpretazzjoni, id-dritt għal informazzjoni dwar id-drittijiet u informazzjoni dwar l-akkuża, id-dritt għal konsulenza legali u għal għajnuna legali, id-dritt għal komunikazzjoni mal-qraba, min iħaddem u awtoritajiet konsulari, u rigward salvagwardji speċjali għal persuni suspettati jew akkużati li jkunu vulnerabbli. Il-Pjan Direzzjonali jenfasizza li l-ordni tad-drittijiet huwa indikattiv biss u għaldaqstant jimplika li jista' jinbidel skont il-prijoritajiet. Huwa intiż li jopera fl-intier; huwa biss meta l-partijiet komponenti jiġu implimentati kollha li jinħass il-massimu tal-benefiċċji.

(12) Fil-Programm ta' Stokkolma, adottat fil-11 ta' Diċembru 2009[6], il-Kunsill Ewropew laqa' l-Pjan Direzzjonali u għamlu parti mill-Programm ta' Stokkolma (punt 2.4.). Il-Kunsill Ewropew enfasizza l-karattru mhux eżawrjenti tal-Pjan Direzzjonali, billi stieden lill-Kummissjoni teżamina aspetti ulterjuri tad-drittijiet proċedurali minimi għal persuni suspettati jew akkużati, u biex tevalwa kwistjonijiet oħra bħal, ngħidu aħna l-preżunzjoni tal-innoċenza, li jeħtieġ jiġu indirizzati biex tkun promossa kkoperazzjoni aħjar f'dan il-qasam.

---

[5] ĠU C 295, 4.12.2009, p. 1.
[6] ĠU C 115, 4.5.2010.

(13) L-ewwel miżura fil-Pjan Direzzjonali hija direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet għal interpretar u għal traduzzjoni fi proċedimenti kriminali[7].

(14) Din id-Direttiva tirrigwarda l-miżura B tal-Pjan Direzzjonali. Din tistabbilixxi standards minimi komuni li għandhom jiġu applikati fil-qasam tal-informazzjoni dwar id-drittijiet u dwar l-akkuża li għandhom jingħataw lil persuni suspettati jew akkużati li jkunu wettqu reat kriminali, bil-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri. Id-Direttiva tibni fuq id-drittijiet stabbiliti fil-Karta, u b'mod partikolari l-Artikoli 6, 47 u 48 tagħha billi tibni fuq l-Artikoli 5 u 6 tal-KEDB kif interpretati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fil-Komunikazzjoni tagħha "Inwasslu spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja liċ-ċittadini tal-Ewropa", il-Pjan ta' Azzjoni Implimentattiv tal-Programm ta' Stokkolma[8], il-Kummissjoni ħabbret il-preżentazzjoni ta' proposta dwar id-dritt għall-informazzjoni fl-2010.

(15) (…)

(15a) F'xi Stati Membri awtorità li ma tkunx qorti li jkollha ġurisdizzjoni f'materji kriminali għandha l-kompetenza li timponi sanzjonijiet fir-rigward ta' reati relattivament żgħar. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, fir-rigward ta' reati tat-traffiku li jitwettqu fuq skala kbira u li jistgħu jiġu stabbiliti wara xi kontroll tat-traffiku. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, ma jkunx raġonevoli li l-awtorità kompetenti tkun meħtieġa tiżgura d-drittijiet kollha skont din id-Direttiva. Meta l-liġi ta' Stat Membru tipprevedi l-impożizzjoni ta' sanzjoni fir-rigward ta' reati żgħar minn din l-awtorità u jkun hemm dritt ta' appell jew il-possibbiltà li b'xi mod ieħor il-każ jinġieb quddiem il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, din id-Direttiva għandha għaldaqstant tapplika biss għal proċedimenti li jinġiebu quddiem dik il-qorti b'appell jew rikors.

(16) Id-dritt għal informazzjoni dwar id-drittijiet proċedurali (li joħroġ mill-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem) għandu jiġi stabbilit b'mod espliċitu bid-Direttiva.

---

[7] Direttiva 2010/64/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali tal-20 ta' Ottubru 2010.

[8] COM (2010) 171, 20.4.2010.

(17) (…)

(18) Il-persuna suspettata jew akkużata għandha tkun informata fi żmien debitu mill-awtoritajiet kompetenti b'dawk id-drittijiet, previsti taħt il-liġi nazzjonali, li huma essenzjali biex tiġi salvagwardjata l-korrettezza tal-proċedimenti, sew jekk bil-fomm jew bil-miktub, kif previst b'din id-Direttiva. L-informazzjoni dwar dawn id-drittijiet għandha bħala rekwiżit minimu skont din id-Direttiva tinkludi informazzjoni dwar id-dritt ta' aċċess għal avukat, kwalunkwe dritt għal konsulenza legali mingħajr ħlas u l-kondizzjonijiet kif tinkiseb, id-dritt għal interpretazzjoni u traduzzjoni, id-dritt li l-persuna tibqa' siekta u, meta l-persuna tiġi arrestata, l-informazzjoni dwar il-liġi nazzjonali dwar it-tul ta' żmien massimu tal-privazzjoni tal-libertà qabel ma titressaq quddiem awtorità ġudizzjarja wara l-arrest. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-informazzjoni li tingħata dwar drittijiet proċedurali oħrajn li jirriżultaw mill-Karta, il-KEDB, id-dritt nazzjonali u l-leġislazzjoni tal-UE applikabbli kif interpretata mill-qrati u t-tribunali rilevanti.

(18a) Sabiex ikun jista' jsir eżerċizzju prattiku u effettiv ta' dawn id-drittijiet, din l-informazzjoni għandha tkun provduta fi żmien debitu fir-rigward tal-mument meta d-drittijiet jibdew japplikaw matul il-proċedimenti, pereżempju qabel l-ewwel interrogazzjoni mill-pulizija. Ladarba tkun ġiet provduta informazzjoni dwar dritt partikolari, huwa mifhum li l-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx ikunu meħtieġa jtennuha, dment li dan ma jkunx meħtieġ miċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ jew mir-regoli speċifiċi stabbiliti fil-liġi nazzjonali.

(19) Meta persuna suspettata jew akkużata tiġi arrestata, għandha tingħata informazzjoni dwar id-drittijiet proċedurali applikabbli permezz ta' Notifika tad-Drittijiet miktuba b'manjiera li tinftiehem malajr sabiex tgħin biex id-drittijiet tagħha jinftehmu sew. **[**Bħala għajnuna lill-Istati Membri biex ifasslu din in-Notifika tad-Drittijiet, fl-Anness I għad-Direttiva hu previst mudell ta' Notifika tad-Drittijiet li tista' tintuża mill-Istati Membri. Dan il-mudell huwa indikattiv u jista' jkun suġġett għal reviżjoni fil-kuntest tar-rapport dwar l-implimentazzjoni li jrid jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva kif ukoll ladarba l-miżuri tal-Pjan Direzzjonali jkunu daħlu fis-seħħ. In-Notifika nnifisha tista' tinkludi wkoll drittijiet proċedurali rilevanti oħrajn li japplikaw fl-Istati Membri.**]**[9]

---

9 Ara n-nota f'qiegħ il-paġna taħt l-Artikolu 4(2).

(19a) Il-persuna arrestata għandha titħalla żżomm in-Notifika tad-Drittijiet fil-pussess tagħha matul iż-żmien kollu li hija tkun privata mil-libertà tagħha. Madankollu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn meħtieġ biex tiġi salvagwardjata s-sikurezza tal-persuna arrestata jew ta' xi persuna oħra, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li ma jippermettux lill-persuna arrestata li żżomm in-Notifika tad-Drittijiet fil-pussess tagħha, dment li hija tkun ġiet informata bis-sħiħ dwar il-kontenut tagħha.

(19b) (…).

(19c) Fil-forniment ta' informazzjoni lil persuna suspettata jew akkużata f'konformità ma' din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil xi persuna suspettata jew akkużata li ma tkunx tista' tifhem jew issegwi l-kontenut jew it-tifsira tal-informazzjoni, pereżempju, minħabba l-età, jew il-kondizzjoni mentali jew fiżika tagħha.

(20) Persuna akkużata li wettqet reat kriminali għandha tingħata kull informazzjoni meħtieġa dwar l-akkuża kriminali biex tgħinha tħejji d-difiża tagħha u tissalvagwardja l-korrettezza tal-proċedimenti.

(21) (…)

(21a) Għall-fini ta' din id-Direttiva, l-aċċess għall-materjal dwar il-każ għandu jinkludi tal-inqas aċċess għall-provi materjali, kif definiti fil-liġi nazzjonali, li jkunu favur jew kontra l-persuna suspettata jew akkużata u fil-pussess tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-każ kriminali speċifiku. Din l-informazzjoni tista' tkun tinsab fil-fajl tal-każ jew miżmuma b'xi mod ieħor mill-awtoritajiet kompetenti fi kwalunkwe mod adatt f'konformità mal-liġi nazzjonali.

(21b) Aċċess għall-prova materjali favur jew kontra l-persuna akkużata li tkun fil-pussess tal-awtoritajiet kompetenti, kif previst skont din id-Direttiva, jista' jkun miċħud, skont il-liġi nazzjonali, jekk dan jista' jwassal għar-riskju serju għad-drittijiet fundamentali ta' persuna oħra jew jekk ikun strettament meħtieġ biex jiġi salvagwardjat interess pubbliku importanti. Dan għandu jintiżen b'paragun mad-drittijiet għad-difiża tal-persuna suspettata jew akkużata, meta wieħed iqis il-fażijiet differenti tal-proċedimenti. Dawn il-limitazzjonijiet għandhom ikunu interpretati b'mod strett u f'konformità mal-prinċipju tad-dritt għal proċess ġust kif previst mill-KEDB u interpretat mill-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

(21c) L-aċċess għall-materjal dwar il-każ jista' jiġi pprovdut direttament, billi jingħata permess għal konsultazzjoni tal-materjal jew id-dokumenti li jkunu jinsabu fihom, jew indirettament, bil-forniment ta' kopji jew informazzjoni dwar il-kontenuti tagħhom, jekk dan ikun meħtieġ mil-liġi nazzjonali.

(21d) Il-konsultazzjoni tal-materjal dwar il-każ, kif prevista minn din id-Direttiva, għandha tingħata mingħajr ħlas. Dan hu mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri li jeħtieġu l-ħlas ta' xi onorarju għal kopji li jinħarġu mill-fajl tal-każ jew għall-ispejjeż biex jintbagħtu bil-posta lill-persuna kkonċernata jew lill-avukat tagħha.

(22) (…)

(22a) Persuna suspettata jew akkużata jew l-avukat tagħha għandu jkollhom id-dritt ta' rikuża, f'konformità mal-proċeduri fil-liġi nazzjonali, rigward in-nuqqas jew iċ-ċaħda tal-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu l-informazzjoni f'konformità ma' din id-Direttiva. Dan id-dritt ma jinvolvix l-obbligu għall-Istati Membri li jipprevedu proċedura ta' appell speċifika, mekkaniżmu separat jew proċedura ta' kwerela għar-rikuża ta' dan in-nuqqas.

(23) Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Unjoni, għandu jiġi pprovdut taħriġ adegwat fir-rigward tal-objettivi ta' din id-Direttiva għall-uffiċjali rilevanti fl-Istati Membri.

(23a) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjoni kollha meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. L-implimentazzjoni prattika u effettiva ta' xi wħud mid-dispożizzjonijiet bħall-obbligu ta' forniment ta' informazzjoni lill-persuna suspettata jew akkużata dwar id-drittijiet tagħha b'lingwaġġ sempliċi u aċċessibli tista' tinkiseb b'mezzi differenti li jinkludu miżuri mhux leġislattivi bħal taħriġ adatt għall-awtoritajiet kompetenti jew permezz ta' Notifika tad-Drittijiet abbozzata b'lingwaġġ sempliċi u mhux tekniku biex tinftiehem faċilment minn persuna mhux esperta li ma jkollha l-ebda għarfien tal-liġi proċedurali kriminali.

(…)

(25) Id-dritt previst f'din id-Direttiva li wieħed ikun infurmat dwar id-drittijiet mal-arrest, għandu japplika ukoll, mutatis mutandis, għal persuni arrestati bl-iskop tal-eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew skont id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri[10]. [Bħala għajnuna lill-Istati Membri biex ifasslu tali Notifika tad-Drittijiet fl-Anness II għad-Direttiva jinsab mudell ta' Notifika tad-Drittijiet li jista' jintuża mill-Istati Membri. Dan il-mudell huwa indikattiv u jista' jkun soġġett għal rieżami fil-kuntest tar-rapport dwar l-implimentazzjoni li jrid jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva kif ukoll ladarba jkunu daħlu fis-seħħ il-miżuri kollha tal-Pjan Direzzjonali][11].

(26) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jistabbilixxu regoli minimi. L-Istati Membri jistgħu jestendu d-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva sabiex jipprovdu livell ogħla ta' protezzjoni f'sitwazzjonijiet li mhumiex trattati b'mod espliċitu f'din id-Direttiva. Il-livell ta' protezzjoni qatt ma għandu jaqa' taħt l-istandards previsti mill-KEDB, kif interpretata fil-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

(27) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta. B'mod partikolari, din id-Direttiva għandha l-għan li tippromwovi d-dritt għal-libertà, id-dritt għal proċess ġust u d-drittijiet għad-difiża. Din għandha tiġi implimentata skont dan.

(28) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, fejn jikkorrispondu għal drittijiet garantiti mill-KEDB jiġu implimentati b'mod konsistenti ma' dawk tal-KEDB kif żviluppati fil-każistika rilevanti tal-QEtDB.

---

[10] ĠU L 190, 18.7.2002, p.1.

[11] Ara n-nota f'qiegħ il-paġna taħt l-Artikolu 5 fir-rigward tal-Anness II.

(29) Peress li l-għan li jintlaħqu standards minimi komuni ma jistax jintlaħaq mill-Istati Membri jekk jaġixxu unilateralment, kemm fil-livell nazzjonali, reġjonali u kif ukoll f'dak lokali u jista' jintlaħaq biss fil-livell tal-Unjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jadottaw miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif imsemmi fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Konformement mal-prinċipju ta’ proporzjonalità, kif stabbilit f'dan l-aħħar Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(30) F'konformità mal-Artikoli 1, 2, 3 u 4 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(31) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Tratttat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex se tieħu sehem fl-adozzjoni ta’ dan ir-Regolament u għalhekk mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

*Objettiv*

Id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar id-dritt għall-informazzjoni rigward id-drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali u proċedimenti għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew u dwar l-akkuża fi proċedimenti kriminali.

*Artikolu 2*

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tapplika minn meta persuna tkun ġiet mgħarrfa mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, permezz ta' notifika uffiċjali jew b'xi mod ieħor, kif stabbilit bil-liġi nazzjonali, li hija suspettata jew akkużata li tkun wettqet reat kriminali sa ma jiġu fi tmiemhom il-proċedimenti, li huwa mifhum li jfisser id-determinazzjoni finali tal-kwistjoni dwar jekk il-persuna suspettata jew akkużata tkunx wettqet ir-reat, inkluż, fejn applikabbli, is-sentenza u r-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe appell.

2. (…)

3. Meta l-liġi ta' Stat Membru tipprevedi l-impożizzjoni ta' sanzjoni fir-rigward ta' reati żgħar minn awtorità li ma tkunx qorti li jkollha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, u l-impożizzjoni ta' din is-sanzjoni tista' tkun soġġetta għal-appell f'tali qorti, din id-Direttiva għandha tapplika biss għall-proċedimenti quddiem dik il-qorti wara tali appell.

*Artikolu 3*

Id-dritt għal informazzjoni dwar id-drittijiet

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe persuna li tkun suspettata jew akkużata li tkun wettqet reat kriminali tingħata informazzjoni tal-inqas dwar id-drittijiet proċedurali li ġejjin kif japplikaw skont il-liġi nazzjonali tagħhom :

- id-dritt ta' aċċess għal avukat;
- kwalunkwe dritt għal konsulenza legali mingħajr ħlas u l-kondizzjonijiet biex tinkiseb ;
- id-dritt għal interpretazzjoni u traduzzjoni;
- id-dritt li tibqa' siekta. 1a.

1a. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata meta dawn id-drittijiet isiru applikabbli matul il-proċedimenti fiż-żmien debitu biex ikun jista' jsir l-eżerċizzju effettiv tagħhom.

2. L-informazzjoni għandha tingħata b'lingwaġġ sempliċi u aċċessibbli.

*Artikolu 4*

Id-dritt għal informazzjoni bil-miktub dwar id-drittijiet ta' arrest

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna li tkun ġiet arrestata tingħata fil-pront Notifika tad-Drittijiet bil-miktub li jkun fiha informazzjoni dwar tal-inqas id-drittijiet proċedurali msemmija fl-Artikolu 3(1) kif japplikaw skont il-liġi nazzjonali, kif ukoll informazzjoni dwar il-liġi nazzjonali rigward it-tul massimu ta' żmien ta' privazzjoni tal-libertà qabel ma tinġieb quddiem awtorità ġudizzjarja wara l-arrest. Hija għandha tingħata l-opportunità li taqra n-Notifika tad-Drittijiet u li titħalla żżommha fil-pussess tagħha, ħlief fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali, matul iż-żmien kollu li hi tkun ipprivata mil-libertà tagħha.

2. In-Notifika tad-Drittijiet għandha tiġi abbozzata b'lingwaġġ sempliċi u aċċessibli. [Fl-Anness I għal din id-Direttiva hemm mudell indikattiv ta' tali Notifika][12].

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata tirċievi n-Notifika tad-Drittijiet bil-miktub b'lingwa li tifhem. Fejn Notifika tad-Drittijiet mhix disponibbli fil-lingwa xierqa, il-persuna suspettata jew akkużata għandha tiġi infurmata bid-drittijiet tagħha bil-fomm u b'lingwa li tifhem hi. Imbagħad għandha tingħatalha Notifika tad-Drittijiet f'lingwa li tifhem hi mingħajr dewmien żejjed.

*Artikolu 5*

Id-dritt għal informazzjoni bil-miktub dwar id-drittijiet fil-proċedimenti ta' Mandat ta' Arrest Ewropew

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe persuna li tiġi arrestata għall-fini tal-eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew tirċievi fil-pront Notifika tad-Drittijiet adatta li jkun fiha informazzjoni dwar il-liġi nazzjonali dwar tal-inqas id-drittijiet ta' dik il-persuna kif stabbilit fl-Artikoli 11, 13(2) u 14 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI. [Fl-Anness II għal din id-Direttiva hemm mudell indikattiv ta' tali Notifika][13].

---

12 Hemm qbil dwar l-utilità li jkun hemm mudell indikattiv ta' Notifika tad-Drittijiet. L-istatus u l-kontenut ta' tali mudell, inkluża l-kwistjoni dwar jekk huwa għandux ikun f'Anness għal din id-Direttiva, ser jiġu diskussi ladarba jkun hemm pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-Premessi u l-Artikoli.

13 Ara n-nota f'qiegħ il-paġna taħt l-Artikolu 4(2).

*Artikolu 6*

Id-dritt għal informazzjoni dwar l-akkuża

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna li tiġi arrestata tiġi informata bir-raġunijiet għall-arrest tagħha, inkluż bl-att kriminali li tkun suspetta li tkun wettqet. 1a.

1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna li tiġi interrogata uffiċjalment bħala persuna suspettata jew akkużata mill-pulizija jew minn xi awtorità oħra kompetenti matul il-proċediment kriminali tiġi informata bl-att kriminali li tkun suspettata li wettqet.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna li tkun soġġetta għal akkuża kriminali tingħata fil-pront informazzjoni suffiċjenti dwar in-natura u l-kawża tal-akkuża biex tiġi salvagwardjata l-korrettezza tal-proċedimenti kriminali u biex teżerċita effettivament id-dritt tagħha għad-difiża.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tingħata fid-dettall mhux aktar tard minn meta jiġu ppreżentati l-merti tal-akkuża għas-sentenza tal-qorti u għandha tinkludi:

(a) deskrizzjoni tal-atti li l-akkużat ikun ġie allegat li wettaq, inkluż il-ħin u l-post u

(b) in-natura tar-reat, inkluża l-klassifika legali tiegħu.

*Artikolu 7*

Id-dritt ta' aċċess għall-materjal dwar il-każ

1. Meta persuna tiġi arrestata u tinżamm fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti kriminali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni kollha relatata mal-każ speċifiku fil-pussess tal-awtoritajiet kompetenti u li tkun essenzjali għal rikuża effettiva skont il-liġi nazzjonali tal-legalità tal-arrest jew tad-detenzjoni, issir disponibbli lill-persuna arrestata jew lill-avukat tagħha.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tal-inqas jingħata aċċess għall-provi materjali kollha fil-pussess tal-awtoritajiet kompetenti favur jew kontra l-persuna suspettata jew akkużata lil dik il-persuna jew lill-avukat tagħha biex tiġi salvagwardjata l-korrettezza tal-proċedimenti u bi tħejjija għad-difiża.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-aċċess għall-materjal imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jingħata fiż-żmien debitu biex ikun jista' jsir l-eżerċizzju effettiv tad-dritt għad-difiża u mhux iktar tard minn meta jiġu ppreżentati l-merti tal-akkuża għas-sentenza tal-qorti. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jingħataw pussess ta' aktar provi materjali, l-aċċess għalihom għandu jingħata fiż-żmien debitu biex ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati.

4. Bl-eċċezzjoni tal-paragrafi 2 u 3, dment li dan ma jippreġudikax id-dritt għal proċess ġust, l-aċċess għal ċertu materjal jista' jinċaħad jekk dan ikun jista' jwassal għal riskju serju għad-drittijiet fundamentali ta' persuna oħra jew jekk ikun strettament meħtieġ biex jiġi salvagwardjat interess pubbliku importanti, bħal fil-każ fejn hemm ir-riskju li jipperikola investigazzjoni li tkun għaddejja, jew fejn jista' jikkawża ħsara serja għas-sigurtà nazzjonali tal-Istat Membru li fih ikunu qegħdin iseħħu l-proċedimenti.

5. L-informazzjoni jew l-aċċess imsemmi f'dan l-Artikolu għandhom jiġu pprovduti mingħajr ħlas.

*Artikolu 8*

Verifika u rimedji

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta tiġi pprovduta informazzjoni lill-persuna suspettata jew akkużata f'konformità mal-Artikoli 4(1), 5 u 6(1a) ta' din id-Direttiva, dan ser jiġi nnotat, bl-użu ta' proċedura ta' reġistrazzjoni f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata jew l-avukat tagħha jkollhom id-dritt ta' rikuża, f'konformità mal-proċeduri fil-liġi nazzjonali, dwar in-nuqqas jew iċ-ċaħda tal-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu l-informazzjoni f'konformità ma' din id-Direttiva.

*Artikolu 9*

Taħriġ

Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura fl-Unjoni kollha, l-Istati Membri għandhom jitolbu lil dawk responsabbli għat-taħriġ tal-imħallfin, il-prosekuturi, il-pulizija u l-persunal ġudizzjarju involuti fi proċedimenti kriminali biex jipprovdu taħriġ adatt fir-rigward tal-objettivi ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 10*

Klawsola ta' nonrigressjoni

M'għandu jkun hemm xejn f'din id-Direttiva li jinftiehem bħala li jillimita lil jew jidderoga minn kwalunkwe dritt u salvagwardja proċedurali li jistgħu jiġu żgurati skont il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-liġi internazzjonali jew tal-liġi ta' kwalunkwe Stat Membru li jipprovdu livell ogħla ta' protezzjoni.

*Artikolu 11*

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa…[14].

2. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu t-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

3. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandu jkun fihom riferiment għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali riferiment fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif isir tali riferiment għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

*Artikolu 12*

Rapport

Il-Kummisjoni għandha, sa ….....[15] tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta l-punt safejn l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva, jekk meħtieġ, flimkien ma' proposti leġislattivi.

*Artikolu 13*

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[14] 24 xahar wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*.

[15] 36 xahar wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*.

*Artikolu 14*

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

*Magħmul fi Brussell,*

Għall-Parlament Ewropew
*Il-President*

Għall-Kunsill
*Il-President*

---

**[ANNESS I]**[1]

**Mudell indikattiv ta' Notifika tad-Drittijiet għal persuni suspettati u akkużati hekk kif jiġu arrestati:**

*L-uniku skop ta' dan il-mudell huwa li jippreżenta stampa ta' Notifika tad-Drittijiet bil-ħsieb li jgħin lill-awtoritajiet nazzjonali fit-tħejjija ta' tali Notifika fil-livell nazzjonali:*

**Jekk tiġi arrestat mill-pulizija inti għandek id-drittijiet li ġejjin kif japplikaw skont il-liġi nazzjonali:**

**A. li tkun infurmat dwar liema offiża int suspettat**

**B. għall-assistenza minn avukat**

**C. għal interpretu u traduzzjoni tad-dokumenti, jekk inti ma tifhimx il-lingwa**

**d. li tkun taf għal kemm se tinżamm detenut**

**Int intitolat li żżomm din in-Notifika tad-Drittijiet miegħek matul id-detenzjoni tiegħek.**

**A. Informazzjoni dwar is-suspett**

– Int għandek id-dritt li tkun taf għalfejn int tinsab suspettat li wettaqt reat hekk kif tinċaħadlek il-libertà, anke jekk il-pulizija ma jinterrogawkx.

– Int jew l-avukat tiegħek tistgħu titolbu li taraw il-partijiet fil-fajl tal-proċess li jirrigwarda l-arrest u d-detenzjoni tiegħek jew li tkunu infurmati dwar il-kontenut tagħhom fid-dettall.

[1] L-istatus u l-kontenut tal-mudell ta' Notifika tad-Drittijiet, inkluża l-kwistjoni dwar jekk huwa għandux ikun f'Anness għal din id-Direttiva, ser jiġu diskussi ladarba jkun hemm pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-Premessi u l-Artikoli.

**B. Għajnuna ta' avukat**

- Int għandek id-dritt li tkellem avukat qabel ma l-pulizija jibdew jinterrogawk.
- Jekk titlob li tkellem avukat, dan m'għandux iġiegħelek tidher bħallikieku għamilt xi ħaġa ħażina.
- Il-pulizija għandhom jgħinuk tagħmel kuntatt ma' avukat.
- L-avukat huwa indipendenti mill-pulizija u m'hu se jiżvela ebda informazzjoni li tagħtih mingħajr il-kunsens tiegħek.
- Int għandek id-dritt li titkellem ma' avukat fil-privat, kemm fl-għassa tal-pulizija u/jew fuq it-telefon.
- Jekk m'għandekx biex tħallas avukat il-pulizija jridu jipprovdulek informazzjoni dwar assistenza legali b'xejn jew b'miżata mnaqqsa.

**C. Għajnuna ta' interpretu**

- Jekk ma titkellimx jew ma tifhimx il-lingwa, jissejjaħ interpretu għalik. L-interpretu huwa indipendenti mill-pulizija u m'hu se jiżvela ebda informazzjoni li tagħtih mingħajr il-kunsens tiegħek.
- Tista' wkoll titlob li jkollok interpretu biex jgħinek tkellem lill-avukat tiegħek.
- L-għajnuna ta' interpretu hija mingħajr ħlas.
- Int għandek id-dritt li tirċievi traduzzjoni ta' kwalunkwe ordni maħruġa minn imħallef li tħallik taħt arrest jew li tinżamm f'kustodja. Tista' wkoll titlob għal traduzzjoni ta' dokumenti essenzjali oħra fl-investigazzjoni.

**D. Kemm tista' ddum imċaħħad mil-libertà tiegħek?**

- Jekk ma tinħelisx, int trid tinġieb quddiem imħallef fi żmien *17-il[2] siegħa wara li tkun ġejt imċaħħad mil-libertà tiegħek.
- L-imħallef irid imbagħad jisimgħek u jista' jiddeċiedi jekk tinżammx fil-kustodja jew jekk tinħelisx. Int għandek id-dritt li tirċievi traduzzjoni tad-deċiżjoni tal-imħallef jekk dan jiddeċiedi li tibqa' fil-kustodja.
- Int għandek id-dritt li titlob għar-rilaxx tiegek fi kwalunkwe ħin. L-avukat tiegħek jista' jagħtik il-parir dwar kif tipproċedi.

---

[2] (…)

**[ANNESS II]**[1]

**Mudell indikattiv ta' Notifika tad-Drittijiet għal persuni arrestati fuq il-bażi ta' Mandat ta' Arrest Ewopew:**

*L-uniku skop ta' dan il-mudell huwa li jippreżenta stampa ta' Notifika tad-Drittijiet bil-ħsieb li jgħin lill-awtoritajiet nazzjonali fit-tħejjija ta' tali Notifika fil-livell nazzjonali:*

**Jekk int tiġi arrestat mill-pulizija abbażi ta' Mandat ta' Arrest Ewropew int għandek id-drittijiet li ġejjin kif japplikaw skont il-liġi nazzjonali:**

**A. li tkun taf għalfejn ġejt arrestat**

**B. għall-assistenza minn avukat**

**C. għal interpretu u traduzzjoni tad-dokumenti, jekk inti ma tifhimx il-lingwa**

**D. li tkun infurmat dwar id-dritt tiegħek li taċċetta li tiġi kkonsenjat**

**E. għal smigħ jekk ma taqbilx li ċċedi**

**F. id-dritt li tinħeles ladarba l-iskadenza relevanti tkun għaddiet**

**Int intitolat li żżomm din in-Notifika tad-Drittijiet miegħek matul id-detenzjoni tiegħek.**

**A. Id-dritt li tkun taf għalfejn ġejt arrestat**

– Int għandek id-dritt li tkun taf għalfejn tinsab imfittex minn pajjiż ieħor.

---

[1] L-istatus u l-kontenut tal-mudell ta' Notifika tad-Drittijiet, inkluża l-kwistjoni dwar jekk huwa għandux ikun f'Anness għal din id-Direttiva, ser jiġu diskussi ladarba jkun hemm pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-Premessi u l-Artikoli.

**B. Għajnuna ta' avukat**

– Int għandek id-dritt li tara avukat. Il-pulizija għandhom jgħinuk tagħmel kuntatt ma' avukat.

– L-avukat huwa indipendenti mill-pulizija u m'hu se jiżvela ebda informazzjoni li tagħtih mingħajr il-kunsens tiegħek.

– Int għandek id-dritt li titkellem ma' avukat fil-privat, kemm fl-għassa tal-pulizija u/jew fuq it-telefon.

– Jekk m'għandekx biex tħallas avukat il-pulizija jridu jipprovdulek informazzjoni dwar assistenza legali b'xejn.

**C. Għajnuna ta' interpretu**

– Jekk ma titkellimx jew ma tifhimx il-lingwa, jissejjaħ interpretu għalik. L-interpretu huwa indipendenti mill-pulizija u m'hu se jiżvela ebda informazzjoni li tagħtih mingħajr il-kunsens tiegħek.

– Tista' wkoll titlob li jkollok interpretu biex jgħinek tkellem lill-avukat tiegħek.

– L-għajnuna ta' interpretu hija mingħajr ħlas.

– Int għandek id-dritt li tirċievi traduzzjoni ta' kwalunkwe ordni maħruġa minn imħallef li tħallik taħt arrest jew li tinżamm f'kustodja. Tista' wkoll titlob għal traduzzjoni ta' dokumenti essenzjali oħra fl-investigazzjoni.

**D. Id-dritt tiegħek li taqbel li tiġi kkonsenjat**

– Int għandek id-dritt li taqbel li tiġi kkonsenjat taħt Mandat ta' Arrest Ewropew. Dan għandu jħaffef il-proċedura.

– Jekk taqbel li tiġi kkonsenjat, jista' jkun diffiċli li din id-deċiżjoni tinbidel fi stadju iktar tard. Għandek titkellem ma' avukat qabel tiddeċiedi jekk taqbilx li tiġi kkonsenjat jew le.

**E. Id-dritt tiegħek għal smigħ**

– Jekk ma taċċettax li tiġi kkonsenjat lill-Istat Membru li qed ifittxek, għandek id-dritt li tmur quddiem imħallef sabiex tispjega għalfejn int ma tridx tagħti dan il-kunsens.

**F. Id-dritt li tinħeles ladarba l-iskadenza relevanti tkun għaddiet**

Bħala regola ġenerali jeħtieġ li inti tiġi kkonsenjat fi żmien għaxart ijiem minn meta l-qorti tagħti d-deċiżjoni finali tagħha li int għandek tiġi kkonsenjat. Jekk int ma tiġix ikkonsenjat fi żmien għaxart ijiem, l-awtoritajiet normalment iridu jeħilsuk. Madanakollu, jeżistu xi eċċezzjonijiet għal din ir-regola, għaldaqstant għandek titkellem ma' avukat dwar dan.